ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IT-TMIEN SENA IL-MALTI (L-ORALI) Il-ĦIN: 10 minuti

IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA (KARTA 1)

1A: Il-Qari Mgħajjat 2 minuti / 5 marki

***L-eżaminatur jagħżel biċċa mis-silta u jistieden lill-istudent/a j/taqraha*.**

Is-silta: Il-Multikulturaliżmu Qiegħed Hawn Biex Jibqa'

F'ħafna pajjiżi llum m'għadniex insibu kultura waħda imma soċjetà b'ħafna kulturi. Dan ifisser li fl-istess pajjiż qegħdin insibu diversi kulturi ta' nies differenti jgħixu lkoll flimkien. Għalhekk, f'pajjiż wieħed qegħdin jgħixu flimkien persuni li jemmnu reliġjonijiet differenti, bi stili differenti ta' lbies, diversi drawwiet u lingwi. (par.1)

Malta llum hija meqjusa pajjiż multikulturali. Nistgħu ninnotaw dan bil-preżenza ta' eluf ta' barranin li qegħdin jgħixu u jaħdmu f'pajjiżna. Ngħidu aħna, fix-xogħol tal-catering u tal-bini nistgħu nosservaw ħafna ħaddiema Sqallin, Sirjani u mill-Ewropa tal-Lvant. Illum, aktar minn qatt qabel, il-multikulturaliżmu daħal ukoll fil-postijiet tax-xogħol u tad-divertiment. (par.2)

Il-Maltin mhux kollha għandhom l-istess opinjoni dwar il-multikulturaliżmu. Hawn min jgħid li dan isaħħaħ is-soċjetà filwaqt li, min-naħa l-oħra, issib min jikkritika l-multikulturaliżmu għax jemmen li dan ikisser il-valuri u t-tradizzjonijiet Maltin. (par.3)

L-iskejjel għandhom ikunu l-postijiet fejn, permezz tal-edukazzjoni, l-istudenti jitgħallmu jgħixu mingħajr kull forma ta' mibegħda. Huwa fl-iskejjel li ż-żerriegħa tal-imħabba u t-tolleranza tinżera' u testendi fit-tfal, fil-familji tagħhom u fis–soċjetà. Li nintegraw u naċċettaw gruppi differenti fis-soċjetà tagħna ma jfissirx li nkunu qegħdin nitilfu l-identità bħala nazzjon. Il-multikulturaliżmu jgħinna sabiex nitgħallmu ngħixu flimkien b'rispett fost diversi kulturi u tradizzjonijiet. (par.4)

(silta meħuda u addattata minn din il-ħolqa:
http://weekly.uhm.org.mt/article/il-multikulturalizmu-qieghed-hawn-biex-jibqa/)

1B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

*L-għalliema se jistaqsu **wħud minn dawn il-mistoqsijiet**. Taħt kull mistoqsija jidhru xi tweġibiet ta' gwida għall-għalliema, iżda għandhom **jiġu aċċettati tweġibiet oħra** li jagħmlu sens.*

1. **X'tifhem bil-kelma 'multikulturaliżmu'?**

   - *Diversità kulturali*
   - *Kulturi differenti jgħixu fl-istess post*
   - *Gruppi kulturali differenti jgħixu fl-istess soċjetà*

2. **X'inhi l-opinjoni tiegħek dwaru? Taħseb li jsaħħaħna bħala Maltin jew qiegħed jhedded il-valuri tagħna? Għaliex?**

   - *Il-multikulturaliżmu joħloq rispett lejn xulxin*
   - *Jista' jgħin fil-kreattività, il-progress u t-tkabbir ta' pajjiżna*
   - *Tajjeb ħafna li nkunu kburin bl-għeruq, il-valuri u t-tradizzjonijiet tagħna imma dan m'għandux itellef milli nintegraw u naċċettaw gruppi kulturali differenti*

3. **Kif taħseb li l-iskejjel jistgħu jgħinu sabiex il-multikulturaliżmu jiġi ċċelebrat?**

   - *Jiġu ċċelebrati kulturi differenti waqt assemblies speċjali*
   - *Isiru attivitajiet li permezz tagħhom inkunu nafu iktar dwar kulturi differenti*
   - *Lezzjonijiet immirati biex iqajmu kuxjenza*

4. **Ġieli ħadt sehem f'xi attività relatata mal-multikulturaliżmu? Fiex kienet tikkonsisti? Jekk le, liema attivitajiet iħajruk tipparteċipa fihom?**

   - *Trid issir referenza għal xi attivitajiet multikulturali*
   - *Deskrizzjoni u spjegazzjoni tagħhom*

1Ċ: It-Taħdit 4 minuti / 5 marki

*L-għalliema se jistiednu lill-istudenti jagħmlu taħdita fuq **wieħed mit-titli** t'hawn taħt. L-istudenti jistgħu jiġu mħeġġa fl-iżvilupp tat-taħdita permezz tal-mistoqsijiet.*

Agħżel titlu bejn **A jew B.**

A. Niċċelebraw id-Differenzi ta' Bejnietna

- *Semmi xi differenzi li jiddistingwuna minn ħaddieħor.*
- *Taħseb li huwa possibbli li ngħixu u naħdmu ma' min hu differenti minna. Għaliex?*
- *Ġieli kellek xi studenti fil-klassi jew xi ħbieb li kienu differenti minnek? B'liema mod? Kif kienet l-esperjenza tiegħek?*

JEW

B. L-Inklużjoni

- *Taħseb li l-inklużjoni u l-ugwaljanza jmorru flimkien. Għaliex?*
- *Semmi xi modi prattiċi li tista' tagħmel fil-ħajja ta' kuljum sabiex tkun iktar inklussiv u ma twarrab lil ħadd.*
- *Għaliex taħseb li hawn min iħossu mwarrab fis-soċjetà tagħna?*